# Surmast ġdid għall-Banda Beland

Mro. Gordon Baldacchino



Fi stqarrija maħruġa nhar it-12 ta' Jannar 2002, il-President Dr. Joseph M. Buttigieg u l-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Beland ħabbru l-ħatra ta' Mro. Gordon Baldacchino MA Ed.(Lead), B.Ed (Hons), Dip.CS.Ed, ALCM bħala Surmast Direttur tal-Banda Beland. Din il-ħatra saret b'effett mill-1 ta' Jannar 2022 biex b'hekk Mro. Baldacchino sar it-12-il Surmast Direttur f'aktar minn 160 sena ta' storja mużikali tal-Banda Beland.

Mro. Gordon Baldacchino huwa iben is-Soċjetà, tħarreġ mal-Banda Beland minn ċkunitu u ilu jdoqq magħha mill-1994. Għal numru ta' snin okkupa l-irwol ta' solista, fl-2011 inħatar Assistent Surmast tal-Banda Beland u kien jgħallem it-teorija fl-Iskola tal-Mużika tal-istess Banda. Huwa kien ukoll membru attiv f'diversi kummissjonijiet fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Beland, u għal diversi snin serva fil-Kumitat Direttiv tas-Soċjetà.

Il-Kumitat jieħu l-opportunità sabiex mill-qalb ukoll jirringrazzja lil Mro. Ray Sciberras, li għal dawn l-aħħar 19-il sena mexxa b'tant kompetenza, għaqal u dedikazzjoni lill-Banda Beland, u jawgura lil Mro. Gordon Baldacchino fit-tmexxija u l-ħidma futura tiegħu.

## Profil ta' Mro. Baldacchino

Fil-kamp mużikali Mro. Gordon Baldacchino beda l-ewwel taħriġ tiegħu fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Beland taż-Żejtun, fejn fl-1994 ingħaqad mal-istess Banda. Hu ħareġ idoqq il-kurunetta taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frank Mercieca. Aktar tard huwa kompla jistudja l-istess strument ġewwa l-Iskola tal-Mużika Johann Strauss taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Busuttil. Fl-istess żmien huwa beda jitħarreġ fit-teorija tal-mużika ma' Mro. Ray Sciberras, biex mal-istess surmast kompla jistudja wkoll l-armonija, il-kontrapunt, l-orkestrazzjoni, l-arti tal-arranġament u d-direzzjoni fuq livell avvanzat. Huwa kiseb ALCM fil-kompożizzjoni fl-2015 u kompla jistudja ma' Mro. Ray Sciberras f'livell ta' baċċellerat.

Mro. Gordon Baldacchino għamel numru twil ta' snin jokkupa r-rwol ta' solista bil-kurunetta. Fl-2011 huwa nħatar bħala Assistent Surmast Direttur tal-Banda Beland u fl-istess żmien beda wkoll jgħallem it-teorija mal-istess Banda. Sa mill-1997, għal 15-il sena ta sehem attiv fil-Kumitat Direttiv tas-Soċjetà Mużikali Beland li kien presedut minn Dr. Alexander Cachia Zammit, fejn huwa okkupa l-karigi ta' Assistent Delegat tal-Banda, Arkivista u Assistent għar-Relazzjonijiet Pubbliċi. Kemm dam arkivista għamel xogħol metikoluż ta' konservazzjoni, organizzazzjoni u arranġamenti mużikali ta' mużika ġdida u antika li tinsab fl-arkivji ta' din is-Soċjetà.

Hu kien ukoll il-moħħ wara l-website uffiċjali tas-Soċjetà, waħda mill-ewwel siti li twaqqfet f'pajjiżna minn soċjetà mużikali. Mro Baldacchino serva wkoll bħala membru tal-Kummissjoni Banda fejn għal diversi snin hu okkupa l-kariga ta' Segretarju tal-istess Kummissjoni.

Fl-2015, il-Banda Santa Marija tal-Qrendi ħatret lil Mro. Gordon Baldacchino bħala Surmast Direttur, wara li kien ilu sentejn għalliem tal-mużika fl-istess Soċjetà. Fl-istess sena, Mro. Gordon Baldacchino ppubblika CD ta' marċi funebri bl-isem ta' In Memoriam, li hija ġabra ta' 11-il marċ funebru mill-pinna tiegħu. Huwa kkompona wkoll diversi xogħlijiet mużikali u arranġamenti oħra, fosthom l-Innu Popolari Marija, l-Oratorio Marija, numru sabiħ ta' marċi brijużi, funebri, valzers u concert pieces.

Attwalment huwa d-Deputat Kap tas-Seminarju Minuri ġewwa tal-Virtù fir-Rabat, Malta. Mro. Gordon Baldacchino hu miżżewweġ lil Judith u għandhom żewġt itfal, Katia u Elena.